SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 01/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 04/05/'15** **323**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 04/05/'15** **378**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti:

| | |
|---|---|
| Il-Kunsillier | Karl Gouder |
| Il-Kunsilllier | Guido Dalli |
| Il-Kunsillier | Martin Sultana |
| Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| Il-Kunsillier | John Agius |
| Il-Kunsillier | Adrian Domnic Ellul |
| Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| Il-Kunsillier | Clayton Tanti Gregoraci |
| Is-Segretarju | Eżekuttiv Helen Walker |
| L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Kien preżenti wkoll il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-29 ta' April 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

1.2.02 Il-Kunsillier John Agius, l-aktar anzjan, ippresieda l-laqgħa.

## 2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku

2.01 Iċ-Ċermen John Agius fetaħ il-laqgħa u filwaqt li awgura lill-Kunsill, iddikjara li minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali, il-Kunsillier Karl Gouder kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Għalhekk staqsih jekk jaċċettax il-kariga.

2.02 Il-Kunsillier Karl Gouder iddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

2.03 Is-Sindku Karl Gouder ħa l-ġurament tal-ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

2.04 Is-Sindku ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lill-membri kollha u awgura li bil-kooperazzjoni ta' kulħadd dan il-Kunsill jibqa' jaħdem kif dejjem ħadem fil-passat, jiġifieri li jġib l-ewwel lil-lokalita' qabel il-partiti politiċi. B'hekk il-Kunsill jibqa' jkun ta' suċċess għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

3.01 Iċ-Ċermen iddikjara li l-Kunsillier Guido Dalli kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri. Għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku. Għalhekk staqsih jekk jaċċettax il-kariga.

3.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku.

3.03 Il-Viċi Sindku ħa l-ġurament tal-ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Ian Micallef.

3.04 Il-laqgħa ġie aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju 2015 fis-2.00p.m.

3.05 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li għaddejjin il-proċeduri biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid peress li s-Segretarju Eżekuttiv preżenti waslet biex tirtira.

3.06 Il-laqgha ntemmet fil-2.25p.m.

**Karl Gouder**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**